MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 277/1995/1

**Joseph u Maria konjugi Fenech u Anthony u Grace konjugi Camilleri**

**Vs**

**Sammy Meilaq bhala Chairman tal-Malta Drydocks Corporation u b' digriet tal-Qorti tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 2005, giet awtorizzata t-trasfuzjoni ta' l-atti f' isem Saviour Gauci, ufficcjal pubbliku mahtur biex jidher f' isem il-Gvern ta' Malta ghall-finijiet ta' l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-27 ta' Frar 1995 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fis-sena 1993, l-atturi Joseph Fenech u Anthony Camilleri kienu impjegati mal-konvenut *nomine* bhala *shipwrights*;

Premess illi fil-25 ta’ Mejju 1993 waqt li huma kienu qed jahdmu f’ wiehed mill-*workshops* tal-konvenut *nomine* huma sfaw korruti gravement u t-tnejn sofrew disabilita permanenti;

Premess illi dan l-incident gara minhabba negligenza, traskuragni u nuqqasijiet ohra imputabbli unikament lill-konvenut *nomine*;

Premess illi l-konvenut *nomine* ghalkemm interpellat biex jersaq bonarjament ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni subiti baqa’ inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut *nomine* unikament responsabbli ghall-incident li gara fid-Drydocks fil-25 ta’ Mejju 1993 u li minhabba fih sfaw korruti l-atturi Joseph Fenech u Anthony Camilleri;

2. Tikkundanna, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi Joseph u Maria Konjugi Fenech b’ konsegwenza ta’ l-istess incident;

3. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-atturi Joseph u Marija konjugi Fenech d-danni hekk likwidati;

4. Tikkundanna, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi Anthony u Grace konjugi Camilleri b’ konsegwenza ta’ l-istess incident;

3. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-atturi Anthony u Grace konjugi Camilleri d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali data 9 ta’ Mejju 1994 kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* intavolata fl-24 ta' Mejju, 1995, li permezz taghha eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi l-atturi Maria Fenech u Grace Camilleri mhumiex legittimi kuntraditturi f' din il-kawza u konsegwentement l-eccepjent *nomine* ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront taghhom;

2. Fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccepjent *nomine* ma jahti bl-ebda mod ghall-incident in kwistjoni u ma kienx negligenti, traskurat jew naqas b' xi mod iehor. Il-korporazzjoni inkarigat nies kompetenti li kienu jiehdu l-prekawzjonijiet kollha rikjesti fix-xoghol taghhom;

3. Illi konsegwentement il-Malta Drydocks ma hija responsabbli ghal ebda danni l-istess atturi setghu sofrew;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-8 ta' Mejju 1998 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji Dr. Mark Chetcuti u l-Inginier Joseph Mifsud biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tas-26 ta' Ottubru 2005 li bih gew nominati bhala esperti medici l-espert ortopediku Carmel J. Sciberras u l-espert ta' ENT Adrian Agius;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-esperti nominati li jinsabu a fol. 237 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru, 2006 li permezz tieghu nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana sabiex izzomm seduta biex quddiemha issir l-eskussjoni tal-perit mediku Mr. Carmel Sciberras u jinstema' bhala xhud il-Professur Frederick Zammit Maempel;

Rat l-Affidavits ipprezenti kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha moghtija;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi pprezentata fit-22 ta' Mejju 2007; kif ukoll dik tal-konvenuti intavolata fl-10 ta' Settembru, 2007;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Mill-atti ta' din il-kawza l-atturi, impjegati tat-Tarzna, jippretendu r-rizarciment minghand il-konvenut *nomine* ghall-griehi personali minnhom sofferti fil-25 ta' Mejju 1993 fil-kors tax-xoghol taghhom f' wiehed mill-*workshops* tat-Tarzna. Huma jippremettu illi l-incident li ta lok ghad-debilita` permanenti taghhom sehh b' negligenza, traskuragni u nuqqasijiet ohra imputabbli unikament lill-istess konvenut *nomine*. Dan minn naha tieghu jikkuntrasta din il-pretensjoni ta' l-atturi u dwarha jopponi l-assenza ta' htija bil-motiv illi huwa ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji ghall-iskansar ta' l-akkadut.

<u>IR-RESPONSABILITA`</u>

Il-perit legali nominat mill-Qorti b' digriet tat-8 ta' Mejju 1998 (fol. 53) jaskrivi l-htija ghall-incident li gab l-event dannuz direttament fuq il-konvenut *nomine*. Huwa jasal

ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidra li c-cirkostanzi tal-kaz kellhom l-impronta ta' nuqqasijiet serji fil-manutenzjoni tal-*crane*, ossija *hydraulic platform*, adoperat fil-mument tas-sinistru mill-atturi. Il-bazi ta' din il-konkluzjoni fuq liema kkampa ruhu l-perit legali hi dik ta' l-espressjoni teknika fformulata mill-Inginjier Joseph Mifsud fir-relazzjoni peritali tieghu (fol. 256);

Proprju f' din l-istess relazzjoni teknika l-espert imsemmi jadduci fuq il-verifiki tieghu s-segwenti kawzi ghal waqgha tal-*hydraulic platform*;

(1) Fejn imbaram il-*jib* tal-*crane* instab li kien hemm qasma li setghet giet minhabba eccess ta' "*strain hardening*" fl-azzar tal-*jib* jew "*crash propagation*", kagun ta' ticrit waqt il-qtugh tal-pjanca jew xoghol iehor li sar fuq il-*jib*;

(2) Seta' gara wkoll li waqt li l-*jib* kien qed jerfa' lejn it-tinda grat xi hsara fis-sistema tal-kontroll tal-*hydraulics*, u b' hekk il-gaffa u l-*jib* iggembu lejn il-lemin tat-trakk u kkagunaw il-barma;

(3) Tezisti wkoll il-possibilita` illi l-pjanca li nqatghet mill-*jib* fil-kors tal-manutenzjoni dghajfet is-sahha tal-*hydraulic platform*;

Fuq din l-ahhar osservazzjoni, l-espert Joseph Zammit, nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-atti ta' l-Inkjesta, jelabora illi l-pjanca msemmija ma kellhiex il-funzjoni li taghlaq sempliciment l-ispazju imma kienet komponenti strutturali importanti tal-*jib* bir-rizultat li meta nqatghet, il-*jib* iddghajjef konsiderevolment. Ara r-relazzjoni ta' dan l-espert a fol. 139;

Fis-sottomissjoni tieghu (ara Nota a fol. 369) il-konvenut *nomine* jikkontesta ir-rizultanzi ta' l-esperti teknici b' dawn id-deduzzjonijiet:-

(i) Linejarment max-xhieda ta' l-Inginjier Raymond Vassallo, Plant and Services Manager tat-Tarzna, fil-hin ta' l-incident il-*jib* kien qed jerfa' piz aktar milli kien jiflah;

(ii) Li meta ntemmet il-manutenzjoni, sar it-test tal-piz u, nonostante l-pjanca nieqsa, l-istabilita` u s-sahha tal-*jib* ma gewx affettwati;

(iii) Kwantu ghall-hsara fis-sistema ta' kontroll tal-*hydraulics* l-ebda imputazzjoni ma ghandha tigi affrontata lilu ghax dan kien "*accident*";

(iv) In tema legali, kien jinkombi fuq l-atturi li jipprovaw il-kolpa fih kostitwita minn nuqqas ta' ezercizzju ta' prudenza, diligenza u l-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja, a norma ta' l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. F' kull kaz, huwa adopera l-mizuri prekawzjonali kollha biex ikun assigurat illi l-makkinarju jkun tajjeb biex jintuza ghax-xoghol;

Premessa din l-kontestazzjoni, jibda biex jigi sottolinejat in linea ta' principju generali illi kull min ihaddem hu fid-dmir li jipprovdi sigurta fuq il-post tax-xoghol. Dan kemm ghal dik li hi protezzjoni adegwata lill-haddiem f' dak li hu ilbies u attrezzi ohra, u li fil-kaz in ispecje certament ma tonqosx, kif ukoll li jkun assikurat li l-makkinarju li ser jintuza jkun mizmum, f' kull waqt, bid-debiti ripari u fi stat tajjeb ta' manutenzjoni ghall-iskansar tad-disgrazzji. Fuq dan il-punt il-Qrati taghna, fi skorta ta' decizjonijiet, issoffermaw bosta drabi. Ara, b' ezemplari, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' April 2001 in re: "**Carmelo *sive* Charles Galea -vs- Albert mizzi *et nomine***". Bla dubju, ankorke kull kaz irid jigi inkwadrat fic-cirkustanzi pekuljari tieghu, meta jsehh incident, ir-rapport ta' kawzalita`, spiss drabi, hu individwat fl-inosservanza tal-precitat obbligu posittiv ta' kondotta. Fil-hsieb tal-Qorti l-kaz prezenti hu wiehed minn dawn;

Il-fehma tal-Qorti hi msahha mill-konstatazzjonijiet teknici ta’ l-esperti li certament ma jistghux jigu skartati una volta ma tressqet ebda prova ta’ xi konvinciment kuntrarju li tqieghed fid-dubbju dawk l-opinjonijiet teknici sottomessi bil-perizji, u l-ebda sottomissjoni ta’ valur li kapaci tippriva mill-portata taghhom il-konkluzjonijiet ta’ indoli teknika tal-materja taht ezami. Huwa veru li dawk id-deduzzjonijiet tal-konvenut *nomine* setghu kienu f’ lokhom kieku d-disgrazzja tabilhaqq grat kif prospettata minnu. Invece, din il-Qorti ma ssibx fuq il-provi attendibbli u r-riljievi li jsegwu li dan hu hekk verament il-kaz:-

(1) Fl-ewwel lok ma tarax li tista’ taghmel affidament fuq ix-xhieda ta’ Raymond Vassallo, kemm ghaliex dan ix-xhud jillimita ruhu ghall-osservazzjonijiet *ex-post* l-incident, u mhux ukoll *ex-ante*, kemm ghaliex dawn ma jinsabu minn imkien konfortati u sostenuti minn xhieda ohra li fil-mument ta’ l-akkadut kienu effettivament prezenti. Jikkonsegwi illi d-deduzzjoni tieghu li fil-gagga tal-*crane* seta’ tghabba piz aktar milli konsentit mhix attendibbli;

(2) It-test li sar fuq il-makkinarju wara li spiccat il-manutenzjoni fuqu ma toffri ebda certezza illi dan effettivament, bin-nuqqas tal-pjanca fil-*jib*, kien hekk idoneju biex iservi kif imiss ghall-attivita operazzjonali mill-atturi fil-gurnata ta’ l-incident. Del resto, imbaghad, kif stabbilit mill-espert tekniku, ma giet provduta ebda certifikazzjoni minn xi *surveyor* attestanti r-rizultat ta’ dak l-istess test, tant li l-istess espert hass in-necessita` li jikkummenta illi “ghalkemm hi procedura tajba li jsir test fuq apparat wara manutenzjoni mill-haddiema stess, huwa importanti wkoll li dawn it-testijiet isiru fil-presenza ta’ *surveyor* indipendenti jew mis-*surveyor* stess”;

(3) Lanqas ma tista’ t-Tarzna konvenuta, ghall-event li kien hemm hsara fis-sistema ta’ kontroll tal-*hydraulics*, tistrieh fuq l-iskuzanti ta’ l-accident. Jekk is-sinistru sehh ghal din ir-raguni ma jistax, fil-fehma tal-Qorti, hlief ifisser illi fil-fazi tal-manutenzjoni, li kienet ghadha kif intemmet granet qabel, ix-xoghol fuq din is-sistema, li falliet, ma sarx kif suppost u sew. Fuq il-punt hi

skjetta dik il-gurisprudenza li ssostni illi l-accident, il-kaz fortuwitu u l-istat ta' necessita ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn vjolazzjoni tad-dover jew l-ommissjoni tad-diligenza. Ara **Kollez. Vol. XXIV P I p 172** u **Vol. XXX P III p 142**, fost ohrajn;

In bazi ghal dawn ir-rilevanzi, il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni tal-perizja fuq il-punt tar-responsabilita`. Taggungi biss illi l-prudenza u d-diligenza ordinarja aspettati mit-Tarzna konvenuta kienu certament jesigu aktar milli wiehed jikkuntenta ruhu minn test semplici jew il-fatt li dak il-*crane*, f' dik il-qaghda, intuza f' operazzjonijiet ohra qabel l-okkazjoni ta' l-incident. Fiz-zgur, il-prevedibilita` u dik tal-probabilita` ragonevoli ta' riskju bi *crane* adoperat bin-nuqqas ta' pjanca fil-*jib* tieghu kellha tingenera dik il-prevvigenza illi dan seta' jkun kagun ta' disgrazzja. Fiz-zgur ukoll, f' dan kollu, din il-Qorti ma ssibx li kien hemm mill-atturi konkors tal-fatt kolpuz. In-ness ta' kawzalita u effett ma kienx gej minhabba xi agir imprudenti taghhom izda minhabba difett fil-makkinarju. Veru li huma haddiema tas-sengha u ta' esperjenza, izda certament ma tistax tingibed minn dan xi inferenza li huma kienu wkoll midhla tal-qaghda tal-*crane* b' dak id-difett jew nuqqas.

IL-LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI

Fir-rapporti medici tieghu l-konsulent ortopediku Carmel Sciberras iddetermina li l-attur Joseph Fenech kellu percentwali ta' dizabilita` permanenti ta' 26% mentri sab li l-attur Anthony Camilleri kellu l-istess dizabilita` f' rata ta' 27%. Minn naha tieghu l-espert mediku Dr. Adrian M. Agius ivverifika li Fenech kellu *hearing loss* ta' 32% u fil-kaz ta' Camilleri, 16%. Il-perit legali bbaza ruhu ghal kollox fuq dawn ir-rizultanzi u bl-adoperu tal-*weighted average* iffissa d-dizabilita` ghal kull wiehed mill-atturi fi grad ta' hamsa u tletin (35) fil-mija;

Jidher li din il-bazi ta’ konsiderazzjoni fl-iffissar tal-likwidazzjoni tad-danni ma ghogbot lill-ebda wiehed mill-kontendenti. Hekk l-atturi jikkontendu illi l-persentaggi ta’ dizabilita` ortopedika li wasal ghalihom l-espert mediku Carmel Sciberras ma jikkorrispondux mal-principju legali li abbazi taghhom jigi stabblit il-*lucrum cessans* u kellhom allura jircievu applikazzjoni dawk iffissati mill-konsulent ortopediku *ex-parte* Frederick Zammit Maempel - 37% fil-kaz ta’ Fenech, u 35% fil-kaz ta’ Camilleri - billi dawn ghandhom jitqiesu aktar attendibbli u realistici. Bl-oppost, it-Tarzna konvenuta tissottometti illi r-relazzjoni medika hi sew bazata fuq il-kondizzjoni fizika attwali ta’ l-atturi, anke fid-dawl tat-titjib li jkollhom meta ssirilhom “*total hip replacement*”. Fl-istess waqt, l-istess Tarzna konvenuta tikkwerela ghall-impatt taghha fuq il-likwidazzjoni tad-danni il-konkluzjoni ta’ l-espert awrikulari, u, anzi tinvita lill-Qorti biex tiskartaha;

Affermati dawn il-veduti ta’ naha u ta’ ohra, l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel il-Qorti hi dik li in materja ta’ danni civili huma l-kriterji prefissi mil-ligi li ghandhom iservu bhala gwida direzzjonali. Tali kriterji huma dawk traccjati mill-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili in kwantu hu dan li fil-ligi taghna jistabilixxi l-pregudizzju rizarcibbli f’ termini ta’ *damnum emergens* u *lucrum cessans*. Fil-kaz in ispecje hemm qbil li ma jezisti ebda “telf effettiv” ta’ spejjez taht l-ewwel ras ta’ danni. Kwantu ghat-tieni kap tezisti l-kontestazzjoni accennata fuq ix-xorta ta’ l-“inkapacita` ghal dejjem”. F’ sens mediku, din il-frazi tikkomprendi dak id-dannu li ghalkemm skaturit minn incident specifiku fi zmien partikolari jhalli fuq is-suggett danneggjat riperkussjonijiet ta’ natura durevoli. F’ sens legali, tikkonsisti f’ dik il-qaghda fejn id-danneggjat ma jkomplix juzufruwixxi ruhu kif imiss minn dak il-qliegh li kien jirrealizza kieku ma kienx ghall-event lesiv;

Issa minn dak li jemani mill-ezami ta’ l-eskussjoni ta’ l-espert mediku u d-deposizzjoni tal-Professur Frederick Zammit Maempel jidher li hemm konvergenza illi fl-istima tal-percentwali ta’ dizabilita` huma jirrikorru ghal certi

tabelli ta’ kif ghandha tigi assessjata d-dizabilita` riskontrata. In meritu, u b’ mod generali, il-Qorti jidhrilha opportun li taghmel dawn il-kummenti:-

(1) Xjentifici kemm huma xjentifici t-tabelli jew skedi adoperati, huwa rikonoxxut u accettat, anke mill-istess mediku *ex-parte*, illi tonqos l-uniformita` tal-kriterji direttivi ghal fatt li jezistu varjanzi ta’ percentaggi minn tabella wahda ghall-ohra. Dan ghal Qorti jfisser li huma biss kalkoli ta’ probabilita` u mhux ta’ certezza;

(ii) Ma jirrapprezentawx mezz ta’ prova specifika u diretta tal-pregudizzju soffert u, allura, jistghu talvolta jigu adottati fakoltativament bhala gwida jew punt ta’ riferenza ghal skop ta’ likwidazzjoni ekwitativa jew tal-*fair amount* li jippreciza l-Prof. Zammit Maempel, izda mhux ghax marbut bihom;

Premess dan, fl-ispecifiku tal-kaz prezenti, din il-Qorti ma thossx li tista’ pjenament tikkondividi l-affermazzjoni ta’ dik il-fehma espressa mill-espert mediku fejn ha b’ ipotesi fl-*assessment* tieghu t-titjib fil-qaghda ortopedika ta’ l-atturi meta ssirilhom il-*hip replacement*. Bir-rispett dovut fl-ambitu ta’ previzjoni ragonevoli din l-ipotesi mhix objettament accertabbli, tant ghaliex tikkonsisti minn semplici kongettura li tista’ tavvera u tista’ le. Effettivament, l-istess espert mediku jikkoncedi illi l-operazzjoni tista’ tirnexxi u tista’ ma tirnexxix. (Ara rapporti medici a fol. 277 u 280.) Testwalment jistqarr *in calce* ghall-eskussjoni “nipprovaw. Mhux dejjem jirnexxilna” (fol. 351). Minn naha l-ohra, din il-Qorti lanqas ma thoss li tista’ toqghod ghal kollox fuq l-istimi tal-mediku *ex-parte*, kemm ghar-raguni aktar ‘il fuq espressi, kif ukoll ghal fatt illi z-zmien li fih ezamina lill-atturi (darba wahda biss) kien wisq vicin d-data ta’ l-incident. F’ dawn ic-cirkustanzi l-Qorti, filwaqt li mhix sejra twarrab l-fehmiet medici sottomessi, jidhrilha li ghandha tadopera percentwali ta’ disabilita` li ssib postha bejn l-*assessment* ta’ wiehed u ta’ l-iehor miz-zewg tobba. Dan mhux b’ kapricc, imma ghaliex verament thoss li ma tistax tadotta

l-konkluzjoni ta' wiehed jew ta' l-iehor "kontra l-konvinzjoni taghha nfisha" (Artikolu 681, Kapitolu 12);

Forsi l-problema l-aktar delikata f' din il-vicenda mill-punto di vista mediku hi dik konnessa ma' l-accertament tan-nuqqas ta' smigh fl-atturi, u l-aktar jekk dak l-istat mediku ghandux kollegament ma' l-incident li ta lok ghall-event tad-dannu.  Huwa fatt illi fl-Affidavits rispettivi taghhom (fol. 14 u fol. 23) l-atturi ma semmewx li kienu sofferenti minn nuqqas ta' smiegh.  Dan pero` ma jeskludix li huma hekk kienu.  Lanqas ma jeskludi li kien hemm ness bejn il-waqgha u l-menomazzjoni kostitwita bit-telf ta' smiegh. Dan hu sew sopportat mic-certifikati medici ta' l-Isptar St. Luke's (fol. 155 sa fol. 169).  Huwa veru li meta xehed quddiem il-perit legali (fol. 226 u 227) l-imsemmi tabib iddikjara li ma setax jiddetermina li l-*hearing loss* gie kawzat bil-waqgha izda fl-istess waqt lanqas eskluda li waqgha ta' erbghin pied tista' tissarraf fi *hearing loss* ta' dik il-kwalita` avolja ma jkollokx "*injury*" fir-ras.  Anzi, kif tenna f' seduta precedenti ghal din (fol. 218) "tistenna aghar".  Proprju f' din l-istess seduta l-istess xhud ikkonferma illi mill-istess *records* ta' l-Isptar ma kienx jirrizulta illi l-atturi kellhom problemi ta' nuqqas ta' smiegh fi zmien anterjuri ghal dak ikkonstatat minnu.  Taht dan il-profil ma jistax, legittimament, jigi dedott illi ma jezistix ness ta' kawzalita` bejn l-incident u l-*hearing loss* f' sitwazzjoni ta' potenzjalita` dannuza kkrejata ghall-atturi bil-waqgha.  Fil-kumpless, l-interpretazzjoni ta' diskors ix-xhud imsemmi ma jipprivax minn ebda efficjenza kawzali t-telf ta' smiegh subit, u lanqas allura ma jirrendi irrilevanti ghall-iskop tal-likwidazzjoni l-istima tal-precentwali ffissata mill-espert mediku ghal dan it-telf;

Similment, anke jekk ghal vers iehor, din il-Qorti ma tarax kif tista' taqbel mas-sottomissjoni l-ohra tal-konvenut *nomine* illi fl-*assessment* tad-dannu ghandu jittiehed rigward ta' xi kondotta kontributorja mill-atturi ghal fatt li dawn naqsu milli jaghmlu l-operazzjoni tal-*hip replacement* fi stadju bikri.  Din l-allegata kondotta negattiva ma tinserixxi ruhha mkien fir-rizultanzi

processwali u ghalhekk ma tistax isservi biex, kif sottomess mill-konvenut *nomine*, ittaffi l-konsegwenzi dannuzi. L-istess espert mediku Dr Carmel Sciberras jghid li l-atturi f' dak l-istadju bikri kienu relattivament zghar biex jaghmlu dik l-operazzjoni, ghax, dipendenti mis-sintomi, il-kirurgu ordinarjament jipprova jtawwal iz-zmien qabel ma l-pazjent ikollu bzonnha (fol. 342). Mhux dan biss. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi lill-atturi gie ssuggerit li jaghmlu operazzjoni bhal din u huma rrifjutaw li jaghmluha. Mhux il-kaz allura li l-Qorti tapplika d-dispost ta' l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili ghall-fattispeci;

Fuq l-ezami tal-gurisprudneza taghna in tema ta' likwidazzjoni ta' danni jidher li prevalentement din taghmel riferiment esklussiv ghat-telf ta' paga jew qliegh iehor, il-percentwali ta' invalidita` u ghall-eta` tad-denneggjat. Il-letteratura medika-legali donnha pero` tinsisti illi f' din l-ekwazzjoni ghal skop ta' kalkolu tal-kumpens ghandu jinghata riljiev ukoll lid-dannu ghall-integrita` psiko-fiziku kkunsidrata *in se* u *per se*. Tali hu wkoll possibbli fil-parametru ta' l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili in kwantu dan ihalli fil-gudizzju prudenzjali tal-Qorti li jivvaluta "ic-cirkostanzi tal-kaz" u b' mod partikulari, izda mhux ukoll limitatament, ix-xorta u grad ta' inkapacita` kkagunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara. Sa certu punt tali riflessjoni ghamlitha wkoll il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-22 ta' Novembru 1995 fl-ismijiet "**Emanuel Agius -vs- Mario Borg**", f' dik il-parti taghha fejn osservat illi "hemm element wiehed zgur li hu cert, u dan huma d-danni personali, cjoe fil-gisem jew fis-sahha mentali jew fizika tal-persuna danneggjata li jkun sofra dannu bhala konsegwenza ta' l-agir doluz jew kolpuz tal-persuna responsabbli ghalih, li jissarraf kemm jissarraf fi flus, m'hu qatt kompensat adegwatament fis-sens koncettwali ta' *restitutio in integrum* li l-ligi suppost timmira ghalih". F' din l-istess sentenza ssokta jigi ritenut illi "l-posizzjoni legali ghalhekk illum hija wahda li fiha l-Qorti ma tistax thossha limitata b' finzjonijiet legali tali li jirrendu l-likwidazzjoni ghal *lucrum cessans* bhala wahda mhix effettiva";

Maghmula din ir-riflessjoni u bl-akkoppjament tal-konsiderazzjoni aktar ‘il fuq maghmula fir-rigward tal-percentwali tad-dizabilita`, il-Qorti thossha in grad li taghmel dan ir-ragonament. Il-perit legali ssuggerixxa li d-dhul medju ta’ qliegh fil-kaz ta’ l-attur wiehed u l-iehor ghandu jkun Lm6900 u Lm6550 rispettivament. Il-partijiet ma kkontestawx dan u la l-Qorti jidhrilha li huwa ragonevoli ser tghaddi biex tadottahom. Hekk ukoll qed isir fir-rigward tal-*multiplier* stabbilit fil-kaz wiehed u iehor, ghal 17 u 15-il sena rispettivament. Kwantu ghall-grad ta’ dizabilita` hi l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-percentwali ffissata mill-espert ortopediku ghandha fil-kaz taz-zewg atturi tizdied b’ percentwali ta’ hamsa fil-mija (5%) biex taghti rata komplessiva ta’ wiehed u tletin fil-mija (31%) fil-kaz ta’ l-attur Fenech u tnejn u tletin fil-mija (32%) fil-kaz ta’ l-attur Camilleri. Il-Qorti qed taghmel dan ghax thoss li l-atturi jisthoqqilhom jirkupraw parti mir-riduzzjoni ta’ ghaxra fil-mija (10%) li l-espert mediku hass li kellu jnaqqas ghal dik ir-raguni tieghu ta’ *hip replacement* fil-futur. Kombinati dawn il-percentwali ma’ dawk ta’ l-espert otolaringologista, l-*weighted average* flimkien mar-riljiev l-iehor appena accennat ghandu, fl-opinjoni tal-Qorti, jaghti rizultat ta’ hamsa u erbghin fil-mija (45%) fil-kaz ta’ Fenech u erbghin fil-mija (40%) fil-kaz ta’ Camilleri;

Fuq dawn l-osservanzi l-likwidazzjoni tad-danni tiehu din il-bixra:-

(1) Fil-kaz ta’ l-attur Joseph Fenech is-somma kompensatorja dovuta lilu hi:

Lm6900 x 17 x 45% = Lm52,785;

(2) Mentri ghall-attur Anthony Camilleri l-komputazzjoni tat-telf effettivi hu:

Lm6550 x 15 x 40% = Lm39,300;

Minn dawn l-ammonti ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis ghal-*lump sum payment* gjaladarba kwazi skorrew tlettax-il sena mill-introduzzjoni ta’ l-istanza prezenti. In meritu, il-Qorti qeghda ssegwi l-gwida direzzjonali esposta fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-5 ta’ Ottubru, 1993 fil-kawza

fl-ismijiet "**Mark Caruana -vs- Grazio *sive* Horace Camilleri**", liema, tistabilixxi riduzzjoni b' rata ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena mill-persentagg konswet ta' ghoxrin fil-mija (20%) ghal *lump sum payment*. Dan biex ipatti ghat-telf fil-valur monetarju u dak ta' l-imghaxijiet. Naturalment, pero`, l-istess ammonti fuq iffissati ghandhom jitnaqqsu b' dawk is-somom li kull wiehed mill-atturi rceva b' akkont minghand it-Tarzna wara l-incident. Fuq dan hemm ukoll konferma mill-istess atturi kif jidher mid-dikjarazzjoni taghhom fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 1998 quddiem il-perit legali;

Jikkonsegwi illi issa l-ammont nett ta' kumpens dovut lil kull wiehed mill-atturi ghandu jaqra hekk:

(1) Fil-kaz ta' Joseph Fenech, l-ammont ta' hamsa u erbghin elf u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm45,085) kalkolat kwantu ghall-ammont gross ta' Lm52,785 - Lm7700 (ammont percepit mit-Tarzna);

(2) Invece, Anthony Camilleri hu dovut is-somma ta' erbgha u tletin elf sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm34,680) korrispondenti ghall-ammont gross ta' Lm39,300 - Lm4620 (ammont ricevut mit-Tarzna).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja r-rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u konsegwentement tiddikjara lill-konvenut *nomine* bhala unikament responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni u li fih l-atturi sofrew debilita permanenti. Tillikwida l-ammont ta' danni konsegwenzjali ghal dan l-incident fis-somma ta' mija, hamest elef u dsatax-il euro u tmenin centezmu (€105019.80) ekwivalenti ghal hamsa u erbghin elf, hamsa u tmenin lira Maltija (Lm45,085) fil-kaz ta' l-attur Joseph Fenech, u tmenin elf seba' mija tnejn u tmenin euro u sebgha u sittin centezmu (€80782.67) ekwivalenti ghal erba' u tletin elf sitt mija u tmenin lira

Maltija (Lm34,680) fil-kaz ta' l-attur Anthony Camilleri. Finalment, tikkundanna lill-istess konvenut *nomine* ihallas lill-atturi l-ammonti rispettivi hawn likwidati in linea ta' danni. L-ispejjez gudizzjarji kollha jibqghu sopportabbli mill-konvenut *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------